MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 103/2011

**George Farrugia bhala mandatarju ta' l-imsiefra Robert John Muscat u Morena Muscat**

**-vs-**

**Xuereb Glass Company Ltd.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat mir-rikorrenti prezentat fit-2 ta' Dicembru 2011 fejn ippremetta:

1. illi Robert John Muscat kien impjegat bhala skrivan mas-socjeta' konvenuta u dana ghal diversi snin.

2. illi matul is-snin ta' impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta, l-istess Robert John Muscat dejjem kellhu problemi sabiex jigbor il-paga lilu dovuta kif ukoll xi hlasijiet ulterjuri ta' leave, bonus u beneficcji ohra dovuti

lilu skond il-ligi. Infatti nmru ta' drabi s-socjeta' konvenuta kienet tohrog ic-cekkijiet lill-attur, liema cekkijiet ma kienux jissarfu minhabba nuqqas ta' fondi.

3. illi nonostante diversi promessi ta' pagament, Robert John Muscat baqa' qatt ma thallas u sal-lum hija dovuta lilhu s-somma komplessiva ta' wiehed u ghorxin elf, seba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (€21728.68);

4. illi in fatti a kawza ta' dan in-nuqqas ta' hlas huwa kellu jittermina l-impjieg tieghu u jfittex xoghol barra minn xtutna u dan sabiex ikun jista' jghajjex lill-familja tieghu.

5. illi nonostante li s-socjeta' konvenuta giet interpellata ghall-hlas permezz ta' ittra interpellatorja, kif ukoll permezz ta' ittra ufficcjali hija baqghet inadempjenti.

6. illi ghalhekk huwa ma kellu l-ebda ghazla ohra hlief li jipprocedi bl-istanti kawza.

Talab ghalhekk li l-Qorti :

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici ta' l-atturi Robert John Muscat u Morena Muscat ghall-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u sittin ewro centezmu (€21728.68);
2. tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas l-ammont hekk kif likwidat flimkien ma' l-imghax mid-data ta' meta kienu dovuti sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ingunzjoni ta' l-istess socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija ngunta.

Bl-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Settembru 2011, ta' l-ittra ufficcjali numru 654/2011 u tal-mandat ta' sekwestru (kawtelatorju) numru 246/2011.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-17 ta' Frar 2012 fil-11.15am.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bir-rikors guramentat, bl-avviz tas-smigh u bid-digriet.

Rat li permezz tar-rikors tal-15 ta’ Frar 2012 il-qorti giet infurmata li l-partijiet kienu qed jinnegozjaw il-possibilita’ ta’ transazzjoni.

Rat li fis-17 ta’ Frar 2012 il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta prezentata llum 13 ta’ Marzu 2012 permezz ta’ liema ammettiet il-kawza ai termini tal-ftehim esebit ma’ l-istess nota u markat bhala dok A.

Rat l-atti kollha.

Illi ghaldaqstant din il-qorti, fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk :

1. tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici ta’ l-atturi Robert John Muscat u Morena Muscat ghall-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf, seba’ mija u tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u sittin ewro centezmu (€21728.68);

2. tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas l-ammont hekk kif likwidat fis-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, seba’ mija u tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u sittin ewro centezmu (€21728.68) bl-imghax kif mitlub. B’dan illi l-hlas ghandu jsir f’sitt (6) rati mensili ta’ tlett elef, sitt mija u wiehed u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€3621.50) bl-ewwel rata tkun dovuta nhar il-hmistax (15) ta’ Marzu, elfejn u tnax (2012).

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 23 ta’ Settembru 2011, ta’ l-ittra ufficcjali numru 654/2011 u tal-mandat ta’ sekwestru (kawtelatorju) numru 246/2011 kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------